KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.11.2008
KUMM(2008) 788 finali

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM)

## li jaġġusta mill-1 ta' Lulju 2008 ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej u kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom

**[SEG(2008) 2875]**

(preżentata mill-Kummissjoni)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Motivi u għanijiet tal-proposta

Bħal kull sena u b'konformità mal-Artikolu 3 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kunsill għandu jiddeċiedi qabel l-aħħar tas-sena dwar l-aġġustament tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet proposti mill-Kummissjoni abbażi tar-rapport tal-Eurostat, b'seħħ mill-1 ta' Lulju.

### Il-kuntest ġenerali

B'konformità mal-Artikolu 3 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, l-aġġustament tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet jirriżulta direttament mill-bidliet fil-kapaċità tal-akkwist tal-pagi pubbliċi nazzjonali (indikatur speċifiku), il-bidliet fl-għoli tal-ħajja fi Brussell (Indiċi Internazzjonali) u kif ukoll il-paritajiet ekonomiċi stabbiliti mill-Eurostat.

L-indikatur speċifiku jkejjel, bl-inflazzjoni eskluża, l-iżvilupp tar-remunerazzjoni netta tal-ħaddiema fis-servizz pubbliku nazzjonali tal-amministrazzjonijiet ċentrali tal-Istati Membri. L-Eurostat iddetermina dan l-indikatur fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mit-tmien Stati Membri msemmija fl-Artikolu 1(4) tal-Anness XI.

L-Indiċi Internazzjonali ta' Brussell ikejjel l-iżvilupp tal-għoli tal-ħajja fi Brussell għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. L-Eurostat iddetermina dan l-indiċi fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Belġjani.

Il-paritajiet ekonomiċi għar-remunerazzjonijiet jistabbilixxu l-ekwivalenzi tal-kapaċità ta' akkwist tar-remunerazzjonijiet bejn Brussell, bħala l-belt ta' referenza, u l-lokalitajiet l-oħra kkonċernati. Il-Eurostat ikkalkula dawn il-paritajiet bi qbil mal-istituti nazzjonali tal-istatistika.

Il-paritajiet ekonomiċi għall-pensjonijiet jistabbilixxu l-ekwivalenzi tal-kapaċità ta' akkwist tal-pensjonijiet bejn il-Belġju, bħala l-pajjiż ta' referenza, u l-pajjiżi l-oħra ta' residenza. Il-Eurostat ikkalkula dawn il-paritajiet bi qbil mal-istituti nazzjonali tal-istatistika.

### Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-proposta hi ppreżentata kull sena biex ikunu aġġustati r-remunerazzjoni u l-pensjonijiet.

### Konsistenza ma' politika u għanijiet oħra tal-Unjoni

Mhux applikabbli.

## KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

*Il-metodi ta' konsultazzjoni użati, is-setturi prinċipali koperti u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu*

L-elementi tal-proposta kienu diskussi mar-rappreżentanti tal-impjegati skont il-

proċeduri approprajati.

*Sinteżi tat-tweġibiet riċevuti u tal-mod kif kienu kkunsidrati*

Il-proposta tikkunsidra l-opinjonijiet mogħtija mill-partijiet ikkonsultati.

**Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kien hemm l-ebda ħtieġa ta' għarfien espert estern.

**Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għandha l-għan li taġġusta r-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet b'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

Il-leġiżlazzjoni fis-seħħ ma tippermettix alternattiva oħra.

**ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

**Sinteżi tal-azzjoni proposta**

B'konformità mal-Artikolu 1 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Eurostat ħejja rapport dwar il-bidliet fl-għoli tal-ħajja fi Brussell, il-bidla fil-kapaċità tal-akkwist fis-salarji tas-servizzi ċivili nazzjonali, kif ukoll il-paritajiet ekonomiċi li minnhom jiġu kkalkulati ż-żidiet fil-pagi.

3.1. AĠĠUSTAMENT TAR-RIMUNERAZZJONI U L-PENSJONIJIET FIL-BELĠJU U L-LUSSEMBURGU

Il-bidla medja fil-kapaċità tal-akkwist tar-remunerazzjoni tal-ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali għall-perjodu ta' referenza mkejla mill-indikatur speċifiku hi ekwivalenti għal -1.3%.

Il-bidla fl-għoli tal-ħajja fi Brussell għall-perjodu ta' referenza mkejla mill-indiċi internazzjonali ta' Brussell ikkalkulat mill-Eurostat hija ta' 4.4%.

B'konformità mal-Artikolu 3(2) tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, il-valur tal-aġġustament hu ugwali għall-prodott tal-indikatur speċifiku u tal-indiċi internazzjonali ta' Brussell iddeterminati mill-Eurostat.

L-aġġustament propost fir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet fil-Belġju u l-Lussemburgu huwa għalhekk ta' 3.0%.

B'konformità mal-Artikolu 3(5) tal-Anness XI, ebda piż differenzjat m'hu applikabbli fil-Belġju u lanqas fil-Lussemburgu.

3.2. AĠĠUSTAMENT TAR-REMUNERAZZJONI U L-PENSJONIJIET BARRA MILL-BELĠJU U L-LUSSEMBURGU

Barra l-Belġju u l-Lussemburgu, l-aġġustamenti tal-pagi u l-pensjonijiet jiġu kkalkulati billi jiġi mmultiplikat l-aġġustament fil-Belġju u l-Lussemburgu bil-bidliet fiż-żidiet u fir-rati tal-kambju.

Iż-żidiet applikabbli għar-rimunerazzjoni, għall-pensjonijiet u għat-trasferimenti ta' parti mir-rimunerazzjoni li jidhru fir-Regolamenti ġew ikkalkulati bil-mod li ġej:

Piżijiet differenzjati għall-UFFIĊJALI li jinsabu barra l-Belġju u l-Lussemburgu:

Il-Eurostat ikkalkula, bi qbil mal-istituti nazzjonali tal-istatistika, il-paritajiet

ekonomiċi li jistabbilixxu fl-1 ta' Lulju l-ekwivalenzi tas-saħħa tal-akkwist tar-rimunerazzjoni bejn Brussell u l-postijiet l-oħra tax-xogħol jew missjonijiet.

Il-piżijiet differenzjati applikabbli għar-remunerazzjoni mħallsa lill-uffiċjali u lill-aġenti l-oħra li jkunu qed jagħtu servizz fi Stati Membri esteri għall-Belġju u l-Lussemburgu huma ddeterminati skont ir-relazzjonijiet bejn dawn il-paritajiet ekonomiċi u r-rati tal-kambju applikabbli fl-1 ta' Lulju.

Piżijiet differenzjati għall-PENSJONIJIET barra l-Belġju u l-Lussemburgu u l-piżijiet differenzjati għat-TRASFERIMENTI:

Il-Eurostat ikkalkula, bi qbil mal-istituti nazzjonali tal-istatistika, il-paritajiet ekonomiċi li jistabbilixxu l-ekwivalenzi tas-saħħa tal-akkwist tal-pensjonijiet bejn il-Belġju u l-pajjiżi l-oħra ta' residenza applikabbli fl-1 ta' Lulju.

Il-piżijiet differenzjati kkalkulati għall-pensjonijiet ta' persuni li joqogħdu f'pajjiżi barra l-Belġju u l-Lussuburgu fid-diversi pajjiżi huma ddeterminati permezz tar-rapporti bejn dawn il-paritajiet ekonomiċi u r-rati tal-kambju applikabbli fl-1 ta' Lulju.

B'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dawn il-piżijiet differenzjati huma direttament applikabbli għat-trasferimenti tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra.

B'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, dawn il-piżijiet differenzjati japplikaw biss għall-pensjonijiet fuq il-parti li tikkorrispondi mad-drittijiet akkwistati qabel l-1 ta' Mejju 2004.

B'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(2), il-piżijiet differenzjati applikabbli għall-pensjonijiet huma riżultat ta' medja bil-piż differenzjat bejn il-koeffiċjenti applikabbli għall-funzjonarji u l-koeffiċjenti kkalkulati għall-pensjonijiet.

- Data ta' dħul fis-seħħ tal-piżijiet differenzjati:

Id-data ta' dħul fis-seħħ hi l-1 ta' Lulju għal-lokalitajiet kollha ħlief il-lokalitajiet li għandhom żieda qawwija fl-għoli tal-ħajja, li għalihom il-piż differenzjat jidħol fis-seħħ fis-16 ta' Mejju jekk iż-żieda tal-għoli tal-ħajja hi aktar minn 6.3 %, jew fl-1 ta' Mejju jekk din hi aktar minn 12.6%

Il-kambjament fl-għoli tal-ħajja, f'pajjiżi barra l-Belġju u l-Lussemburgu, hu mkejjel bl-għajnuna ta' indiċijiet impliċiti. Dawn l-indiċi jinħadmu billi l-Indiċi Internazzjonali ta' Brussell jiġi immultiplikat bil-varjazzjoni mill-parità ekonomika.

Għal dan l-aġġustament, id-data ta' dħul fis-seħħ hi antiċipata għal-lokalitajiet imsemmija fir-Regolament.

**Bażi legali**

Il-bażi ġuridika hija l-Istatut u b'mod partikolari l-Anness XI tiegħu.

**Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-proposta tikkonċerna qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

**Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hi konsistenti mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

- l-Anness XI tal-Istatut jistabbilixxi Regolament tal-Kunsill.

- Il-piż finanzjarju jirriżulta direttament mill-applikazzjoni tal-metodu ta' aġġustament previst fir-Regolamenti tal-Persunal.

**Għażla ta' strumenti**

Strument propost: Regolament.

Strumenti oħra ma kinux ikunu xierqa għar-raġunijiet li ġejjin:

- l-Anness XI tal-Istatut jistabbilixxi Regolament tal-Kunsill.

**IMPLIKAZZJONIJIET BAĠETARJI**

L-impatt tal-adattament tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet fuq in-nefqa amministrattiva u d-dħul huwa ttrattat fid-dettall fir-rapport finanzjarju anness miegħu.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM)**

**li jaġġusta mill-1 ta' Lulju 2008 ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej u kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, stabbiliti bir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, b'mod partikolari l-Artikoli 63, 64, 65 u 82 u l-Annessi VII, XI u XIII tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20, u l-Artikoli 64 u 92 tal-Kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema l-oħra,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Sabiex jiggarantixxi li s-saħħa tal-akkwist tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunità tikber b'mod parallel għal dik tal-impjegati taċ-ċivil nazzjonali tal-Istati Membri, il-pagi u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet għandhom jiġu aġġustati skont il-verifika annwali tas-sena 2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, id-data tal-"1 ta' Lulju 2007" li tidher fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tiġi sostitwita bid-data tal-"1 ta' Lulju 2008".

*Artikolu 2*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, it-tabella tal-pagi bażiċi tax-xahar fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal, applikabbli għall-fini tal-kalkolu tal-pagi u l-pensjonijiet tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

| 1/07/2008 | PASS | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| GRAD | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 16 | 16.283,25 | 16.967,49 | 17.680,49 | | |
| 15 | 14.391,67 | 14.996,43 | 15.626,60 | 16.061,36 | 16.283,25 |
| 14 | 12.719,84 | 13.254,34 | 13.811,30 | 14.195,56 | 14.391,67 |
| 13 | 11.242,21 | 11.714,62 | 12.206,89 | 12.546,50 | 12.719,84 |
| 12 | 9.936,24 | 10.353,77 | 10.788,85 | 11.089,01 | 11.242,21 |
| 11 | 8.781,97 | 9.151,00 | 9.535,54 | 9.800,83 | 9.936,24 |
| 10 | 7.761,80 | 8.087,96 | 8.427,82 | 8.662,30 | 8.781,97 |
| 9 | 6.860,13 | 7.148,40 | 7.448,79 | 7.656,03 | 7.761,80 |
| 8 | 6.063,21 | 6.317,99 | 6.583,49 | 6.766,65 | 6.860,13 |
| 7 | 5.358,87 | 5.584,05 | 5.818,70 | 5.980,59 | 6.063,21 |
| 6 | 4.736,34 | 4.935,37 | 5.142,76 | 5.285,84 | 5.358,87 |
| 5 | 4.186,13 | 4.362,04 | 4.545,34 | 4.671,80 | 4.736,34 |
| 4 | 3.699,84 | 3.855,32 | 4.017,32 | 4.129,09 | 4.186,13 |
| 3 | 3.270,04 | 3.407,46 | 3.550,64 | 3.649,43 | 3.699,84 |
| 2 | 2.890,17 | 3.011,62 | 3.138,17 | 3.225,48 | 3.270,04 |
| 1 | 2.554,43 | 2.661,77 | 2.773,62 | 2.850,79 | 2.890,17 |

*Artikolu 3*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u l-impjegati l-oħra huma stabbiliti kif imniżżel fil-kolonna 2 tat-tabella hawn taħt.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2009, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 17(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għat-trasferimenti li jsiru minn uffiċjali u impjegati oħra huma stabbiliti kif imniżżel fil-kolonna 3 tat-tabella hawn taħt.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 20(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għall-pensjonijet huma stabbiliti kif imniżżel fil-kolonna 4 tat-tabella ta' hawn taħt.

B'effett mis-16 ta' Mejju 2008, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u l-impjegati l-oħra huma stabbiliti kif imniżżel fil-kolonna 5 tat-tabella hawn taħt.

B'effett mill-1 ta' Mejju 2008, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u l-impjegati l-oħra huma stabbiliti kif imniżżel fil-kolonna 6 tat-tabella hawn taħt.

B'effett mill-16 ta' Mejju 2008, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skont l-Artikolu 20(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għall-pensjonijet huma stabbiliti kif imniżżel fil-kolonna 7 tat-tabella ta' hawn taħt.

| Pajjiż / Lokalità | Renumerazzjoni 1.7.2008 | Trasferiment 1.1.2009 | Pensjoni 1.7.2008 | Renumerazzjoni 16.5.2008 | Renumerazzjoni 1.5.2008 | Pensjoni 16.5.2008 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Bulgarija | | 62,6 | 100,0 | 70,5 | | |
| Rep. Ċeka | 98,1 | 91,1 | 100,0 | | | |
| Denimarka | 137,9 | 136,4 | 136,4 | | | |
| Ġermanja | 98,9 | 99,4 | 100,0 | | | |
| Bonn | 97,9 | | | | | |
| Karlsruhe | 96,4 | | | | | |
| Münich | 105,3 | | | | | |
| Estonja | | 81,9 | 100,0 | 85,0 | | |
| Ġreċja | 95,0 | 94,9 | 100,0 | | | |
| Spanja | 101,6 | 96,0 | 100,0 | | | |
| Franza | 115,5 | 106,3 | 106,3 | | | |
| Irlanda | 121,9 | 118,5 | 118,5 | | | |
| Italia | 111,5 | 107,6 | 107,6 | | | |
| Varese | 98,6 | | | | | |
| Ċipru | 89,2 | 91,8 | 100,0 | | | |
| Latvja | | 80,5 | 100,0 | | 85,1 | |
| Litwanja | | 71,3 | 100,0 | 76,3 | | |
| Ungarija | 94,1 | 81,6 | 100,0 | | | |
| Malta | 85,0 | 86,7 | 100,0 | | | |
| Olanda | 109,1 | 101,5 | 101,5 | | | |
| Awstrija | 107,8 | 106,9 | 106,9 | | | |
| Polonja | | 84,5 | 100,0 | 93,8 | | |
| Portugal | 91,7 | 91,0 | 100,0 | | | |
| Romanija | | 66,9 | 100,0 | | 75,2 | |
| Slovenja | 90,2 | 85,9 | 100,0 | | | |
| Slovakkja | 87,4 | 81,9 | 100,0 | | | |
| Finlandja | 119,8 | 116,2 | 116,2 | | | |
| Żvezja | 115,3 | 111,5 | 111,5 | | | |
| Renju Unit | | 105,4 | | 125,5 | | 105,4 |
| Culham | | | | 100,9 | | |

*Artikolu 4*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, l-ammont tal- allowance għal-liv tal-ġenituri msemmija fl-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 878.32 u EUR 1171.09 għal familji b'ġenitur wieħed.

*Artikolu 5*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, l-ammont bażiku għall- allowance għall-familja msemmija fl-Artikolu 1(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 164.27.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, l-ammont għall-allowance għat-tfal dipendenti msemmija fl-Artikolu 2(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 358.96.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, l-ammont għall-allowance għall-edukazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Istaff huwa stabbilit għal 243.55 EUR.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, l-ammont għall-allowance għall-edukazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 3(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Istaff huwa stabbilit għal 87.69 EUR.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, l-ammont minimu tal-allowance għall-espatrijazzjoni msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tiegħu għandu jkun ta' EUR 486.88.

*Artikolu 6*

B'effett mill-1 ta' Jannar 2009, l-allowance għall-kilometraġġ imniżżla fl-Artikolu 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal hija mibdula għal li ġej:

| | |
|---|---|
| EUR 0 għal kull kilometru bejn | 0 u 200 km |
| EUR 0.3651 għal kull kilometru bejn | 201 u 1,000 km |
| EUR 0.6085 għal kull kilometru bejn | 1,001 u 2,000 km |
| EUR 0.3651 għal kull kilometru bejn | 2,001 u 3,000 km |
| EUR 0.1216 għal kull kilometru bejn | 3,001 u 4,000 km |
| EUR 0.0586 għal kull kilometru bejn | 4 001 u 10 000 km |
| EUR 0 għal kull kilometru 'l fuq minn | 10 000 km. |

Ma' din l-allowance għal kull kilometru għandu jingħadd suppliment b'rata fissa, li jammonta għal:

– EUR 182.54 jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post tal-impieg u l-post tal-oriġini hija bejn 725 km u 1,450 km,

– EUR 365.04 jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post tal-impieg u l-post tal-oriġini hija aktar minn 1,450 km,

*Artikolu 7*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammont għall-allowance għall-għajxien ta' kuljum imsemmi fl-Artikolu 10(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta':

– EUR 37.73 għall-uffiċjali li għandhom dritt għall- allowance tal-familja,

– EUR 30.42 għall-uffiċjali li m'għandhomx dritt għall-allowance tal-familja.

*Artikolu 8*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, il-limitu minimu għall-allowance għall-istallazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(3) tal-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' ħaddiema oħra huwa ta':

– 1074.14 EUR għal ħaddiem intitolat għall-benefiċċju tal-familja;

– EUR 638.68 għal impjegat li mhux intitolat għall-allowance tal-familja.

*Artikolu 9*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, il-limitu minimu għall-allowance għall-qgħad imniżżla fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28a(3) tal-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, għandu jkun ta' EUR 1288.19, il-limitu massimu għandu jkun ta' EUR 2576.39 u l- allowance standard għandha tkun ta' EUR 1171.09.

*Artikolu 10*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, it-tabella tas-salarji bażiċi ta' kull xahar fl-Artikolu 63 tal-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' ħaddiema oħra għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| 1/07/2008 | | PASS | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| KATEGORIJA | GRUPP | 1 | 2 | 3 | 4 |
| A | I | 6.558,95 | 7.371,40 | 8.183,85 | 8.996,30 |
| | II | 4.760,37 | 5.224,23 | 5.688,09 | 6.151,95 |
| | III | 4.000,36 | 4.178,55 | 4.356,74 | 4.534,93 |
| B | IV | 3.842,86 | 4.219,07 | 4.595,28 | 4.971,49 |
| | V | 3.018,50 | 3.217,48 | 3.416,46 | 3.615,44 |
| C | VI | 2.870,82 | 3.039,83 | 3.208,84 | 3.377,85 |
| | VII | 2.569,49 | 2.656,91 | 2.744,33 | 2.831,75 |
| D | VIII | 2.322,41 | 2.459,19 | 2.595,97 | 2.732,75 |
| | IX | 2.236,57 | 2.267,73 | 2.298,89 | 2.330,05 |

*Artikolu 11*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, it-tabella tas-salarji bażiċi ta' kull xahar fl-Artikolu 93 tal-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' ħaddiema oħra għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| GRUPP | 1/07/2008 | PASS | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| OPERATTIV | GRAD | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| IV | 18 | 5.613,25 | 5.729,98 | 5.849,14 | 5.970,78 | 6.094,95 | 6.221,69 | 6.351,08 |
| | 17 | 4.961,14 | 5.064,31 | 5.169,62 | 5.277,13 | 5.386,87 | 5.498,90 | 5.613,25 |
| | 16 | 4.384,78 | 4.475,97 | 4.569,05 | 4.664,06 | 4.761,06 | 4.860,07 | 4.961,14 |
| | 15 | 3.875,38 | 3.955,98 | 4.038,24 | 4.122,22 | 4.207,95 | 4.295,45 | 4.384,78 |
| | 14 | 3.425,17 | 3.496,39 | 3.569,10 | 3.643,33 | 3.719,09 | 3.796,43 | 3.875,38 |
| | 13 | 3.027,25 | 3.090,20 | 3.154,47 | 3.220,07 | 3.287,03 | 3.355,39 | 3.425,17 |
| III | 12 | 3.875,32 | 3.955,91 | 4.038,17 | 4.122,14 | 4.207,86 | 4.295,36 | 4.384,68 |
| | 11 | 3.425,13 | 3.496,36 | 3.569,06 | 3.643,28 | 3.719,04 | 3.796,38 | 3.875,32 |
| | 10 | 3.027,24 | 3.090,19 | 3.154,45 | 3.220,05 | 3.287,01 | 3.355,36 | 3.425,13 |
| | 9 | 2.675,58 | 2.731,21 | 2.788,01 | 2.845,98 | 2.905,16 | 2.965,58 | 3.027,24 |
| | 8 | 2.364,76 | 2.413,93 | 2.464,13 | 2.515,37 | 2.567,68 | 2.621,07 | 2.675,58 |
| II | 7 | 2.675,51 | 2.731,16 | 2.787,96 | 2.845,95 | 2.905,14 | 2.965,57 | 3.027,25 |
| | 6 | 2.364,64 | 2.413,82 | 2.464,03 | 2.515,28 | 2.567,59 | 2.620,99 | 2.675,51 |
| | 5 | 2.089,89 | 2.133,35 | 2.177,73 | 2.223,02 | 2.269,26 | 2.316,46 | 2.364,64 |
| | 4 | 1.847,06 | 1.885,48 | 1.924,69 | 1.964,73 | 2.005,59 | 2.047,30 | 2.089,89 |
| I | 3 | 2.275,43 | 2.322,65 | 2.370,86 | 2.420,06 | 2.470,29 | 2.521,56 | 2.573,89 |
| | 2 | 2.011,58 | 2.053,33 | 2.095,94 | 2.139,44 | 2.183,84 | 2.229,16 | 2.275,43 |
| | 1 | 1.778,32 | 1.815,23 | 1.852,90 | 1.891,36 | 1.930,61 | 1.970,68 | 2.011,58 |

*Artikolu 12*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, il-limitu minimu għall- allowance għall-istallazzjoni msemmija fl-Artikolu 94 tal-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' ħaddiema oħra għandu jkun ta':

– 807.93 EUR għal ħaddiem intitolat għall-benefiċċju tal-familja;

– EUR 479.00 għal impjegat li mhux intitolat għall-allowance tal-familja.

*Artikolu 13*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, il-limitu minimu għall- allowance għall-qgħad imsemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 96(3) tal-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' ħaddiema oħra, għandu jkun ta' EUR 966.15, il-limitu massimu għandu jkun ta' EUR 1932.29 u l- allowance standard għandha tkun ta' EUR 878.32.

*Artikolu 14*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, l-allowances għal xogħol bix-xift kif stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76[1] għandhom ikunu ta' EUR 368,17, EUR 555,70, EUR 607,58 u EUR 828,33.

*Artikolu 15*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, l-ammonti li jidhru fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68[2] għandhom ikunu soġġetti għal koeffiċjent ta' 5.314614.

*Artikolu 16*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, it-tabella fl-Artikolu 8(2) tal-Anness XIII għar-Regolamenti tal-Persunal għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

| 1/07/2008 | PASS | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GRAD | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 |
| 16 | 16.283,25 | 16.967,49 | 17.680,49 | 17.680,49 | 17.680,49 | 17.680,49 | | |
| 15 | 14.391,67 | 14.996,43 | 15.626,60 | 16.061,36 | 16.283,25 | 16.967,49 | | |
| 14 | 12.719,84 | 13.254,34 | 13.811,30 | 14.195,56 | 14.391,67 | 14.996,43 | 15.626,60 | 16.283,25 |
| 13 | 11.242,21 | 11.714,62 | 12.206,89 | 12.546,50 | 12.719,84 | | | |
| 12 | 9.936,24 | 10.353,77 | 10.788,85 | 11.089,01 | 11.242,21 | 11.714,62 | 12.206,89 | 12.719,84 |
| 11 | 8.781,97 | 9.151,00 | 9.535,54 | 9.800,83 | 9.936,24 | 10.353,77 | 10.788,85 | 11.242,21 |
| 10 | 7.761,80 | 8.087,96 | 8.427,82 | 8.662,30 | 8.781,97 | 9.151,00 | 9.535,54 | 9.936,24 |
| 9 | 6.860,13 | 7.148,40 | 7.448,79 | 7.656,03 | 7.761,80 | | | |
| 8 | 6.063,21 | 6.317,99 | 6.583,49 | 6.766,65 | 6.860,13 | 7.148,40 | 7.448,79 | 7.761,80 |
| 7 | 5.358,87 | 5.584,05 | 5.818,70 | 5.980,59 | 6.063,21 | 6.317,99 | 6.583,49 | 6.860,13 |
| 6 | 4.736,34 | 4.935,37 | 5.142,76 | 5.285,84 | 5.358,87 | 5.584,05 | 5.818,70 | 6.063,21 |
| 5 | 4.186,13 | 4.362,04 | 4.545,34 | 4.671,80 | 4.736,34 | 4.935,37 | 5.142,76 | 5.358,87 |
| 4 | 3.699,84 | 3.855,32 | 4.017,32 | 4.129,09 | 4.186,13 | 4.362,04 | 4.545,34 | 4.736,34 |
| 3 | 3.270,04 | 3.407,46 | 3.550,64 | 3.649,43 | 3.699,84 | 3.855,32 | 4.017,32 | 4.186,13 |
| 2 | 2.890,17 | 3.011,62 | 3.138,17 | 3.225,48 | 3.270,04 | 3.407,46 | 3.550,64 | 3.699,84 |
| 1 | 2.554,43 | 2.661,77 | 2.773,62 | 2.850,79 | 2.890,17 | | | |

[1] Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għal allowances għal xogħol bix-xift, u r-rati u l-kondizzjonijiet tagħhom (ĠU L 38, 13.2.1976, p.1). Ir-Regolament kif miżjud bir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) nru 1307/87 (ĠU L 124, tat-13.5.1987, p.6)

[2] Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta Frar 1968 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, tal-4.3.1968, p. 8).

*Artikolu 17*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2007, l-ammont għall-allowance għat-tfal dipendenti msemmija fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 14 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun kif ġej:

1.7.08 - 31.12.08 344,55

*Artikolu 18*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, l-ammont għall-allowance għall-edukazzjoni msemmija fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 15 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun kif ġej:

1.7.08 - 31.8.08 70,14

*Artikolu 19*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, għall-finijiet tal-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-ammont tal-allowance fissa msemmija fl-Artikolu 4a tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal fis-seħħ qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandu jkun ta':

- EUR 127,01 fix-xahar għall-uffiċjali fi gradi C4 jew C5,

- EUR 194.73 fix-xahar għal uffiċjali kklassifikati fil-gradi C1, C2 jew C3.

*Artikolu 20*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f*il- Ġurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

**1. ISEM IL-PROPOSTA:**

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) li jaġġusta mill-1 ta' Lulju 2008 ir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej u kif ukoll il-piżijiet differenzjati applikati għalihom.

**2. QAFAS ABM/ABB (ĠESTJONI SKONT L-ATTIVITÀ/IBBAĠITJAR SKONT L-ATTIVITÀ)**

Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat/i u Attività/jiet assoċjata/i magħhom:

L-oqsma u l-attivitajiet huma kollha potenzjalment ikkonċernati.

**3. LINJI TAL-BAĠIT**

3.1. Linji tal-Baġit (linji operattivi u linji relatati ta' assistenza teknika u amministrattiva (ex-linji B.A.), fosthom l-intestaturi:

Nefqa: XX.01.01.01 Kummissjoni u Kapitolu 11 Istituzzjonijiet oħra

Dħul: 400 - Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-allowances tal-uffiċjali, ħaddiema oħra u persuni li jirċievu pensjoni, 404 – Dħul mill-imposta speċjali fuq is-salarji tal-membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u impjegati oħra b'impjieg attiv, 410 – Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni.

3.2. Tul ta' żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

Indefinit

3.3. Il-karatteristiċi tal-baġit (żid ir-ringieli jekk hemm bżonn):

| **Linja tal-baġit:** | **Tip ta' nefqa** | | **Ġdid** | **Kontribuzzjoni tal-EFTA** | **Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi applikanti** | **L-intestatura tal-perspettiva finanzjarja** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XX.01.01.01 u Kapitolu 11 | Nefqa mhux obbligatorja | NDA[3] | LE | LE | LE | **Nru** [5] |

**4. SINTEŻI TAR-RIŻORSI**

4.1. Ir-riżorsi finanzjarji

4.1.1. Rikapitulazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-impenn (AI) u tal-approprjazzjonijiet tal-ħlas (AĦ)

*Miljuni (sa 3 punti deċimali)*

| ***Natura tan-nefqa*** | *Taqsima Nru* | | *Sena 2008* | *2009* | *2010* | *2011* | *2012* | *2013* | *Total* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

[3] Krediti assoċjati

***Infiq operattiv***[4]

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Approprjazzjonijiet għall-impenji (CA)* | *8.1* | *a* | | | | | | | |
| *Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (PA)* | | *b* | | | | | | | |

***Nefqa amministrattiva inkluża fl-ammont ta' referenza***[5]

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Għajnuna teknika u amministrattiva (NDA)* | *8.2.4* | *c* | | | | | | | |

***AMMONT TOTALI TA' REFERENZA***

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***Approprazzjonijiet għall-impenji*** | | ***a+c*** | | | | | | | |
| ***Approprjazzjonijiet tal-ħlas*** | | ***b+c*** | | | | | | | |

***Nefqa amministrattiva li mhix inkluża fl-ammont ta' referenza***[6]

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Riżorsi umani u spejjeż assoċjati (NMD)* | *8.2.5* | *d* | *72.1* | *144.1* | *144.1* | *144.1* | *144.1* | *144.1* | *n/a* |
| *Spejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż relatati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NMD)* | *8.2.6* | *e* | | | | | | | |

**Total indikattiv tal-ispiża finanzjarja tal-intervent**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***CA TOTALI inklużi l-ispejjeż tar-riżorsi umani*** | | *a+c +d +e* | *72.1* | *144.1* | *144.1* | *144.1* | *144.1* | *144.1* | *n/a* |
| ***PA TOTALI inklużi l-ispejjeż tar-riżorsi umani*** | | *b+c +d +e* | *72.1* | *144.1* | *144.1* | *144.1* | *144.1* | *144.1* | *n/a* |

**Dettalji tal-kofinanzjament**

Jekk il-proposta tinvolvi finanzjarjamnet konġunt mill-Istati Membri jew korporazzjonijiet ohra speċifikati, stima tal-livell ta' dan l-iffinanzjament konġunt għandu jkun indikat fit-tabella hawn taħt.

---

4 Infiq li ma jaqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.

5 Infiq li jaqa' taħt l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

6 Infiq li jaqa' taħt il-Kapitolu xx 01 minbarra l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

*EUR miljun (sa tliet punti deċimali)*

| *Co-financing body* | | *Sena n* | *n + 1* | *n + 2* | *n + 3* | *n + 4* | *n + 5 u aktar tard* | *Total* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| …… | *f* | | | | | | | |
| *TOTAL CA li tinkludi finanzjament konġunt* | *a+c+ d+e+ f* | | | | | | | |

4.1.2. Il-kompatabilità mal-ipprogrammar finanzjarju

**X** Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta ser tinvolvi pprogrammar mill-ġdid tal-intestaturi relevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' titlob l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[7] (jiġifieri l-flessibilità tal-istrument jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. L-impatt finanzjarju fiq id-Dħul

☐ Il-proposta m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul

**X** Il-proposta tħalli impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul hu kif ġej:

*EUR miljun (sa tliet punti deċimali)*

| | | *Qabel l-azzjoni li ttieħdet fl-2008* | *Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni* | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Budget line* | *Revenue* | | *2008* | *2009* | *2010* | *2011* | *2012* | *2013* |
| *410 kontribut tal-Penzjoni* | a) Revenue in absolute terms | *309.3* | ***314.0*** | ***318.6*** | ***318.6*** | ***318.6*** | ***318.6*** | ***318.6*** |
| | b) Tibdil fid-dħul | Δ | ***4.7*** | ***9.3*** | ***9.3*** | ***9.3*** | ***9.3*** | ***9.3*** |
| *400 -Taxxa* | a) Revenue in absolute terms | *421.1* | ***427.4*** | ***433.7*** | ***433.7*** | ***433.7*** | ***433.7*** | ***433.7*** |
| | b) Tibdil fid-dħul | Δ | ***6.3*** | ***12.6*** | ***12.6*** | ***12.6*** | ***12.6*** | ***12.6*** |
| *404 Taxxa speċjali* | a) Revenue in absolute terms | *39.2* | ***39.8*** | ***40.4*** | ***40.4*** | ***40.4*** | ***40.4*** | ***40.4*** |
| | b) Tibdil fid-dħul | Δ | ***0.6*** | ***1.2*** | ***1.2*** | ***1.2*** | ***1.2*** | ***1.2*** |

4.2. Ir-Riżorsi Umani FTE (bl-inklużjoni ta' uffiċjali, persunal temporanju jew estern) – ara d-dettalji taħt punt 8.2.1.

[7] Ara punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

| ***Il-ħtiġijiet annwali*** | *Sena n* | *n + 1* | *n + 2* | *n + 3* | *n + 4* | *n + 5 u aktar tard* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *In-numru totali ta' riżorsi umani* | | | | | | |

## 5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

5.1. Ħtieġa li trid tintlaħaq f'terminu qasir jew twil ta' żmien

Obbligu skont ir-Regolamenti tal-Persunal

5.2. Il-valur miżjud tal-involviment Komunitarju u l-kompatibilità tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġija possibbli

Mhux applikabbli.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM

Mhux applikabbli.

5.4. Il-Metodu tal-Implimentazzjoni (indikattiv)

☐**Ġestjoni ċentralizzata**

**X** direttament mill-Kummissjoni PMO

– ☐ indirettament permezz ta' delega lil:

  – ☐ aġenżiji eżekuttivi

  – ☐ korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet kif imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju

  – ☐ entitajiet mis-settur nazzjonali pubbliku/entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku

☐ **Ġestjoni maqsuma jew deċentralizzata**

  – ☐ mal-Istati Membri

  – ☐ mal-pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)**

Kummenti relevanti:

## 6. SORVELJANZA U EVALWAZZJONI .

6.1. Sistema ta' Sorveljanza

Mhux applikabbli.

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni Ex-ante

Mhux applikabbli.

6.2.2. Miżuri li ttieħdu wara evalwazzjoni intermedjarja/ex-post (it-tagħlimiet meħuda fil-passat minn esperjenzi simili)

Mhux applikabbli.

6.2.3. Kundizzjonijiet u frekwenza ta' evalwazzjonjiet fil-ġejjieni

Evalwazzjoni fl-aħħar tar-raba' sena minn Lulju 2004

## 7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Mhux applikabbli.

## 8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini tal-ispejjeż finanzarji tagħhom

Mhux applikabbli.

8.2. Għan-nefqa amministrattiva

8.2.1. L-ammont u t-tip ta' riżorsi umani

| Tipi ta' postijiet | | Il-persunal li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni permezz tal-użu ta' approprjazzjonijiet eżistenti u/jew addizzjonali **(l-ammont ta' karigi/FTEs)** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5 |
| Uffiċjali jew staff temporanju[8] (XX 01 01) | A*/ AD | | | | | | |
| | B*, C*/ AST | | | | | | |
| Staff iffinanzjat [9] bl-Artikolu XX 01 02 | | | | | | | |
| Persunal ieħor iffinanzjat b'Artikolu XX 01 04/05[10] | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | |

8.2.2. Id-deskrizzjoni tal-ħidmiet li joħorġu mill-azzjoni

8.2.3. Is-sorsi tar-riżorsi umani (statutorji)

– ☐ Il-postijiet attwalment allokati għall-ġestjoni tal-programm li għandhom jiġu mibdula jew estiżi

– ☐ Postijiet pre-allokati fl-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n

[8] L-infiq għal dawn MHUX kopert mill-ammont ta' referenza

[9] L-infiq għal dawn MHUX kopert mill-ammont ta' referenza

[10] L-infiq għal dawn huwa inkluż fl-ammont ta' referenza

– ☐ Postijiet li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss

– ☐ Postijiet li għandhom jimtlew permezz tal-użu ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' ġestjoni (it-tqassim intern mill-ġdid).

☐ Postijiet meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju tal-APS/PDB tas-sena in kwistjoni.

8.2.4. Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza

(XX 01 04/05 – In-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva)

*EUR miljun (sa tliet punti deċimali)*

| Linja(i) tal- baġit<br>(Nru u titolu) | Year n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5<br>U aktar tard | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1. Assistenza teknika u amministrattiva (bl-inklużjoni ta' spejjeż relatati mal-persunal)** | | | | | | | |
| Aġenżiji eżekuttivi | | | | | | | |
| Assistenza teknika u amministrattiva oħra | | | | | | | |
| - *intra muros* | | | | | | | |
| - *extra muros* | | | | | | | |
| **Assistenza teknika u amministrattiva oħra** | | | | | | | |

8.2.5. Nefqa finanzjarja fuq riżorsi umani u nfiq assoċjat li mhux inkluż fl-ammont ta' referenza

*EUR miljun (sa tliet punti deċimali)*

| Tipi ta' riżorsi umani | Year n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5<br>U aktar tard |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Mill-uffiċjali u staff temporanju<br>(XX 01 01) | | | | | | |
| Persunal iffinanzjat bl-Artikolu XX 01 02 (awżiljarju, ENS, persunal bil-kuntratt, eċċ.)<br>(il-linja baġitarja speċifika) | | | | | | |
| **Nefqa finanzjarja fuq riżorsi umani u nfiq assoċjat (MHUX inkluż fl-ammont ta' referenza)** | | | | | | |

Kalkolu - ***Uffiċjali u aġenti Temporanji***

*Jekk ikun imiss, għandha ssir referenza għal punt 8.2.1*

Kalkolu - ***Persunal iffinanzjat skond l-Artikolu XX 01 02***

*Jekk ikun imiss, għandha ssir referenza għal punt 8.2.1*

8.2.6. Nefqa amministrattiva oħra li mhux inkluża fl-ammont ta' referenza

*EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)*

| | Sena n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5 U iżjed tard | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 02 11 01 – Missjonijiet | | | | | | | |
| XX 01 02 11 02 – Laqgħat u konferenzi | | | | | | | |
| XX 01 02 11 03 – Kumitati | | | | | | | |
| XX 01 02 11 02 – Laqgħat u konferenzi | | | | | | | |
| XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informazzjoni | | | | | | | |
| **2. It-Totali ta' Nefqa Oħra ta' Ġestjoni (XX 01 02 11)** | | | | | | | |
| **3. Nefqa oħra ta' natura amministrattiva** (speċifika bl-inklużjoni ta' referenza għall-linja baġitarja) | | | | | | | |
| **Nefqa amministrattiva totali, ħlief ir-riżorsi umani u infiq relatat (MHUX inkluża fl-ammont ta' referenza)** | | | | | | | |

Kalkolu — Infiq ieħor amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' riferenza